Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,661, 9 ta' Lulju, 2021

Taqsima B

A.L. 284 tal-2021

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kumitat ta' Kordinament Nazzjonali biex jiġi Miġġieled *Money Laundering* u Finanzjar tat-Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12A tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kumitat ta' Kordinament Nazzjonali biex jiġi Miġġieled *Money Laundering* u Finanzjar tat-Terroriżmu u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kumitat ta' Kordinament Nazzjonali biex jiġi Miġġieled *Money Laundering* u Finanzjar tat-Terroriżmu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 373. 02.

Jemenda r-regoalment 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "il-Ministru", il-kliem "għall-Finanzi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-Finanzi;" u minnufih wara għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna suġġetta" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu.". L.S. 373. 01.

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"6. (1) Sabiex jassistu fir-reviżjoni tal-effettività tas-sistemi tagħhom fil-ġlieda kontra l-*money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu u l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa u sabiex jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tar-riskju, l-awtorità kompetenti rilevani għandha żżomm statistika komprensiva.

(2) L-istatistika komprensiva li għandha tinżamm għandha tinkludi:

(a) *data* li tkejjel id-daqs u l-importanza tas-setturi differenti li huma soġġetti għall-obbligi relatati mal-miżuri fil-ġlieda kontra l-*money laundering* u l-ġlieda kontra finanzjar ta' terroriżmu, inkluż in-numru ta' persuni suġġetta u l-importanza ekonomika ta' kullsettur;

(b) in-numru ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi li saru lill-Korp u l-mod kif ġew segwiti dawk ir-rapporti;

(ċ) *data* li tidentifika n-numru u l-perċentwal ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi li jirriżultaw f'investigazzjoni ulterjuri;

(d) in-numru ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sejbien ta' ħtija dwar *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu, numru ta' persuni investigati, imħarrka u misjuba ħatja ta' *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu, u t-tipi ta' attivitajiet kriminali sottostanti, fejn tali informazzjoni tkun disponibbli;

(e) il-valur f'euro ta' proprjetà li ġiet issekwestrata, iffriżata u kkonfiskata;

(f) statistika rilevanti għall-iskambju ta informazzjoni bejn il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-kontropartijiet barranin, inkluż *data* dwar in-numru ta' talbiet għal informazzjoni magħmula, riċevuti, miċħuda u mwieġba kompletament jew parzjalment, maqsuma għal kull kontroparti barranija;

(g) *data* dwar ir-riżorsi umani disponibbli għall-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja biex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont l-artikolu 16(1)(a), (b) u (ċ) tal-Att;

(h) in-numru ta' eżamijiet fuq il-post u mhux fuq il-post imwettqa fuq persuni suġġetti bil-għan li jissorveljaw il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, in-numru ta' nuqqasijiet ta' konformità jew kontravenzjonijiet identifikati wara tali eżamijiet, u n-numru u l-valuri ta' miżuri amministrattivi jew penali imposti; u

(i) kull *data* statistika oħra li l-Kumitat jista' jitlob li tinżamm għall-għanijiet stabbiliti taħt is-subregolament (1).

(2) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandha żżomm id-*data* statistika prevista taħt il-paragrafi (a), (b), (ċ), (f), (g) u (h);

(3) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha żżomm informazzjoni fuq investigazzjonijiet dwar *money laundering* u finanzjar ta'terroriżmu, kif previst taħt il-paragrafu (d);

(4) L-Avukat Ġenerali għandu jżomm informazzjoni dwar prosekuzzjonijiet ta' *money laundering* u finanzjar ta'terroriżmu kif previst taħt il-paragrafu (d);

(5) Ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali għandu jżomm informazzjoni dwar sejbien ta' ħtija dwar *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu kif previst fil-paragrafu (d);

(6) L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jżomm id-*data* statiska prevista taħt il-paragrafu (e);

(7) Il-Kumitat għandu jiżgura li d-*data* statistika prevista taħt dan ir-regolament tiġi trażmessa kull sena lill-Kummissjoni Ewropea, u li reviżjoni konsolidata tagħha tiġi ppubblikata.".